Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,636, 1 ta' Ġunju, 2021
Taqsima B

A.L. 232 tal-2021

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 48 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru bħala Ministru responsabbli għall-impjiegi u r-relazzjonijiet Industrijali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 452.82.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "fornitur ta' servizzi barrani" għandha tiġi sostitwita b'dan ġej:

" "impjegatur mandanti tfisser impjegatur stabbilit fi Stat Membru li ma jkunx Malta"; u kull referenza fihom għall-kliem "fornitur ta' servizzi barrani" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "impjegatur mandanti";

(b) it-tifsira "impjegat stazzjonat" għandha tiġi sostitwita b'dan ġej:

"ħaddiem stazzjonat" tfisser ħaddiem li, għall-perjodu limitat jagħmel ix-xogħol tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru barra mill-Istat li normalment jaħdem fih"; u kull referenza fihom għall-kliem "impjegat stazzjonat" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ħaddiem stazzjonat".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"10. Fi kwalunkwe proċedimenti ċivili istitwiti mill-ħaddiem stazzjonat fejn ikun hemm katina ta' sotto-kuntrattar, meta s-sottokontrattur dirett ikun l-impjegatur tal-ħaddiem

stazzjonat, il-kuntrattur u s-sottokontrattur dirett ikunu responsabbli in solidum għall-ħaddiem stazzjonat fir-rigward tas-sett ta' drittijiet mogħtija permezz tar-regolament 5:

Iżda r-responsabbiltà għandha tkun limitata għad-drittijiet tal-ħaddiem stazzjonat miksuba skont ir-relazzjoni kontraenti bejn il-kuntrattur u s-sottokontrattur tiegħu.".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

4. Il-paragrafu (a) tar-regolament12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) li naqas milli jħallas lill-ħaddiem stazzjonat skont ir-regolament 5(1)(ċ);".